Nru. 523

AWTORITÀ TA' L-IPPJANAR

Ordni ta' Emerġenza għal Konservazzjoni, Artikolu 47 ta' l-Att ta' l-1992 dwar l-Ippjanar ta' l-Iżvilupp

L-Awtorita ta' l-Ippjanar temmen li dawn il-proprjetajiet imsemmija hawn taħt:

VALLETTA

Triq San Ġwann:
Kiosk c/w Triq il-Merkanti
Kiosk c/w Triq ir-Repubblika

għandhom valur arkitettoniku u storiku (ara l-pjanta f'paġna 6193). Għalhekk dawn il-proprjetajiet għandhom jitniżżlu bħala Proprjetà Skedata fl-artikolu 46 ta' l-Att ta' l-1992 dwar l-Ippjanar ta' l-Iżvilupp.

L-Awtorità temmen ukoll li dawn il-proprjetajiet huma f'periklu li jiġu mwaqqa', li ssir xi ħsara fihom jew inkella li jiġu meqruda.

Għalhekk l-Awtorità ħarġet Ordni ta' Emerġenza għal Konservazzjoni fuq dan it-tip ta' proprjetà f'artikolu 47 ta' l-Att ta' l-1992 dwar l-Ippjanar ta' l-Iżvilupp.

(i) Il-*kiosks imsemmija huma kkunsidrati bħala proprjetajiet Grade 2* li hemm fil-Pjan ta' Struttura UCO 7 rigward il-valur arkitettoniku u storiku tal-*kiosks*.

(ii) Mhux permess li jkun hemm xi tibdil fuq il-*kiosks* mingħajr l-approvazzjoni ta' l-Awtorità ta' l-Ippjanar. L-uniċi tibdiliet li l-Awtorità ta' l-Ippjanar tapprova li jiġu mwettqa', huma tibdiliet żgħar li jridu jsiru b'tali mod li ma ssir ebda ħsara u detriment għal karattru u l-arkitettura tal-*kiosk*.

(iii) Il-*kiosks* għandhom ikunu miżmuma b'tali mod li l-fatturi arkitettoniċi tagħhom kollha jkunu ta' livell tajjeb.

Dawn id-dispożizzjonijiet huma applikati wkoll fid-dispożizzjonijiet imsemmija fl-Ordni Ġenerali ta' Żvilupp 1993 fir-rigward il-bżonn ta' permess ta' żvilupp.

Jekk il-proprjetajiet huma mwaqqa' jew mibdula mhux skond din l-Ordni, l-Awtorità tieħu l-passi meħtieġa kif hemm imniżżel fl-artikolu 46, 52, 53 u 55 ta' dan l-Att. Dan l-Att jipprovdi passi ħarxa jekk ma jkunx hemm kontroll fuq Proprjetà Skedata.

Il-5 ta' Awissu, 1994

No. 523

PLANNING AUTHORITY

Emergency Conservation Order, Section 47 of the Development Planning Act 1992

The Planning Authority believes that the following properties, namely:

VALLETTA

Triq San Ġwann
Kiosk c/w Triq Il-Merkanti
Kiosk c/w Triq Ir-Repubblika

(see site plan on page 6193) could be of architectural and historical value such that they should be listed as Scheduled Property in terms of section 46 of the Development Planning Act 1992.

The Authority also believes that the properties are in danger of being demolished, damaged or destroyed.

The Authority is hereby issuing an Emergency Conservation Order in respect of the above properties in accordance with section 47 of the Development Planning Act.

(i) The kiosks listed are to be considered Grade 2 properties as per Structure Plan UCO 7 by virtue of the architectural and historical value of the kiosks.


(ii) No alterations to the kiosks will be permitted without the prior approval of the Planning Authority. The only alterations which will be allowed by the Planning Authority will be minor alterations which must be carried out sensitively to cause the least detriment to the character and architectural homogeneity of the kiosk.

(iii) The kiosks must be maintained to a standard that ensures that their existing architectural features are retained in their entirety.

These provisions shall apply not withstanding the provisions outlined in the General Development Order 1993 regarding the need for a development permit.

If the properties are demolished or altered in contravention of this Order, the Authority will exercise its powers of enforcement, as set in articles 46, 52, 53 and 55 of the Act. The Act provides for severe penalties for contravention of control on Scheduled Property.

5th August, 1994



Kiosk Triq San Gwann c/w Triq il-Merkanti

Kiosk Triq San Gwann c/w Triq ir-Repubblika